# Dun Karm Cassar - 60 Sena Qassis -

## Xempju u Eżempju għalina

*Jikteb Frank Tabone*



Fis-16 ta' April 2009, ħutna Dun Karm ċċelebra s-sittin anniversarju tas-sejħa saċerdotali tiegħu. Kull min jafu u wkoll min forsi ma jafux, mill-ewwel jintebaħ li dan is-saċerdot ħabrieki ta sehem kbir fil-mixja socjali, reliġjuża u edukattiva tar-raħal t'Għajnsielem.

Dun Karm kellu viżjoni – dik li l-familji kollha tagħna jimxu fuq il-passi ta' Sidna Ġesu' u bħala eżempju ta' dan għandna lil Ommu, Sidtna Marija taħt it-titlu ta'



Forsi nistaqsu x'żamm l-ispirtu ħabrieki, spirtu żagħżugħ daqstant mħeġġeġ f'Dun Karm? Bla dubju, il-qawwa li Dun Karm jieħu mill-Ewkaristija kien ta' kuljum kien isarrafha f'imħabba lejn ħutu l-bnedmin. U din l-imħabba ta' Dun Karm ma kellix fruntieri... Jgħallem lit-tfal, jeduka liż-żgħażagħ, jgħaqqad il-familji u jgħin lil min ikun ibati. Fejn ma jaslux ir-riġlejn, ħallih idum jikteb ħsibijiet ta' paċi u sliem għall-kommunita' kollha tagħna.

Loretu. Il-Madonna qegħda fil-fond ta' qalb Dun Karm... u dan jixhdu l-ħafna kitbiet, talbiet, pariri u omeliji li wassal bil-vuċi, bil-kitba u fuq kollox bl-eżempju.

J'alla int u jien li qed niktbu u naqraw dan l-artiklu, lkoll nintebhu bis-sens veru tal-ħajja – dak li nagħti, li nkun ta' servizz għal ġid ta' ħaddieħor. U l-Mulej li jara dak li hu fil-moħbi, jroddilna Hu.



